# ID-DAQQUQA TAT-TOPPU

*John Azzopardi*

B'munqar twil u rqiq, toppu mrewħa, lewn roża fil-kannella u strixxi bojod u suwed, id-Daqquqa tat-Toppu hija għasfur kurjuż. Dan l-għasfur minn dejjem ġibed l-attenzjoni tal-bniedem. Xhieda ta' dan huma t-tpinġijiet realistiċi tiegħu li nstabu fuq il-ħitan ta' l-oqbra tal-qedem fl-Eġittu u fil-Greċja. Id-Daqquqa tat-Toppu tinstab tgħix fl-Ewropa, fl-Affrika u fl-Asja.

Id-Daqquqa tat-Toppu tilħaq tul ta' madwar 30 ċentimetru, u l-mara u r-raġel mhux faċli jintgħarfu minn xulxin. Dan l-għasfur iqatta' ħafna ħin fl-art u kapaċi jimxi u jiġri sewwa filwaqt li jħarrek rasu lura u 'l quddiem. Meta titgerrex, id-Daqquqa tat-Toppu ttir bi tfaqqiegħ tal-ġwienaħ għal ġo xi siġra jew fuq xi ċint jew bini. Xħin tieqaf dejjem tiftaħ it-toppu għal mument u terġa' tagħlqu. Ġwenħajha huma ttundjati u, għalkemm għandha titjira b'saħħitha, il-qadfa tal-ġwienaħ hija irregolari u inċerta, bħallikieku ma tafx fejn hi sejra.

L-ambjent ta' dan l-għasfur ivarja skond fejn jgħix u skond iż-żmien tas-sena. Fl-Ewropa, waqt iż-żmien tan-namra, id-Daqquqa tat-Toppu tippreferi postijiet bi ftit siġar xjuħ imferrxin 'l hawn u 'l hemm, speċjalment biswit xi mergħa. Tħobb tiffrekwenta wkoll l-għelieqi tad-dwieli u spiss tgħix qrib in-nies fil-villaġġi tal-kampanja, għax mhix ippersegwitata. Fin-nofsinhar ta' l-Ewropa tinstab ukoll f'ambjenti aktar aridi. Li ma tħobbx huma postijiet mingħajr siġar xejn jew msaġar u foresti folti. L-għajta tad-Daqquqa tat-Toppu *ħup-ħup-ħup-ħup-ħup*, barra li hija unika u twassal fil-bogħod, tfakkarna fil-kampanja Mediterranja, b'jiem sħan u xemxin u bil-ħoss tal-Werżieq ta' Binhar iwerżaq minn qalb is-siġar.

Ir-raġel u l-mara x'aktarx li jibqgħu flimkien għal għomorhom. Id-Daqquqa tat-Toppu tagħmel il-bejta f'xi toqba fonda u mudlama f'siġar xjuħ, bini u ħitan qodma, u munzelli ta' ġebel. Ma tibnix bej-ta, iżda tbid il-bajd qalb xi ġebel jew l-għeruq ta' xi siġra. Id-Daqquqa tat-Toppu ġeneralment tbid minn erba' bajdiet sa sitta, ta' għamla kemxejn ovali b'lewn abjad kaħlani. Il-mara tibda ssaħħan il-bajd qabel tkun biedet il-boton kollu. Il-bajd idum madwar 18-il jum biex ifaqqas. Malli jtellgħu r-rix, il-frieħ ikunu jixbħu lill-adulti ma' l-ewwel. Il-frieħ idumu fil-bejta bejn tliett ġimgħat u xahar, u kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jġibulhom l-ikel li jikkonsisti f'bugħarrat, imqassijiet, gremxul, u larvi ta' insetti kbar. Ħafna mill-ikel jinqabad minn ma' l-art, fejn l-għasafar ifittxu b'reqqa kbira,





iqallbu weraq u ġebel żgħir, u jnaqqru qalb id-demel. Il-munqar twil u mgħawweġ jidher fraġli, iżda huwa tassew b'saħħtu peress li d-Daqquqa tat-Toppu spiss ittambar bih fuq iz-zkuk tas-siġar biex tnaffar xi priża li tista' tkun qed tistkenn f'xi toqba jew xaqq. Minħabba li l-biċċa l-kbira ta' l-ikel tad-Daqquqa tat-Toppu jikkonsisti f'insetti u l-larvi tagħhom, dan l-għasfur jagħmel ħafna ġid barra li jsebbaħ il-kampanja b'surtu u b'għanjietu. F'Malta, id-Daqquqa tat-Toppu tidher fostna bejn Frar u Mejju fir-rebbiegħa u bejn Awwissu u Settembru fil-ħarifa. Normalment jidhru waħdiet, iżda xi min-daqqiet jidher numru akbar. Fl-imgħoddi kienet aktar komuni. Sfortunatament, għalkemm għasfur protett, id-Daqquqa tat-Toppu tinqatel bla ħniena minn xi kaċċaturi Maltin għall-ibbalzmar. Hija tassew ħasra għax din hija għasfur fidil li jista' jsebbaħ il-kampanja tagħna kif ukoll jgħin biex jinżamm il-kontroll bijoloġiku fuq l-insetti li jagħmlu l-ħsara fl-uċuħ tar-raba'. Ta' min jgħid ukoll li hija mġieba irresponsabbli li f'pajjiżna jinqatlu għasafar li l-pajjiżi Ewropej jagħmlu ħilithom kollha biex jipproteġuhom. ❑




*ID-DAQQUQA TAT-TOPPU —*
*tidher fil-gżejjer Maltin*
*fir-rebbiegħa kif ukoll fil-ħarifa.*